# Sejba Arkejoloġika F'Ħal Luqa

James **Aquilina** B.Com

Il-gżejjer ta' Malta u Għawdex minn żmien il-qedem, ġibdu l-attenzjoni ta' diversi imperi fil-Mediterran minħabba l-pożizzjoni strateġika tal-gżejjer tagħna.[1] Ħafna ċiviltajiet ħallew il-marka tagħhom permezz tal-fdalijiet. F'ħafna partijiet ta' gżiritna nstabu xi fdalijiet li fil-maġġoranza tal-każijiet nstabu b'kumbinazzjoni. Numru sabiħ ta' dawn il- fdalijiet instabu fin-naħa t'isfel ta' Malta.[2] Ħal Luqa u l-akkwati tiegħu ta' bilħaqq offrew prospetti ġodda ta' fdalijiet arkejoloġiċi u sa żminijiet tal-lum għadna nsibu fdalijiet ġodda.[3]

Fil-ħajja tal-lum l-iżvilupp sar inevitabli u wieħed kontinwu. Sallum għadna nisimgħu b'sejbiet ġodda ta' interess storiku.[4] Kien permezz ta' dan l-iżvilupp li nsatbu diversi fdalijiet arkejoloġiċi.



*Ix-xogħlijiet fuq l-estensjoni taċ-ċimiterju parrokkjali*

Riċenatment, anke' fuq livell parrokjali, kompla jsir żvilupp bl-estensjoni taċ-ċimiterju. Bejn l-aħħar jiem tas-sena 2007 u l-ewwel jiem tas-sena 2008, l-parroċċa bdiet ix-xogħol fuq l-estensjoni taċ-ċimiterju fl-inħawi magħrufa tal-*Mejtin*.[5] Din iż-żona hija ikkunsidrata bħala waħda mill-iktar żoni arkejoloġiċi sensitivi.[6] Kif kien mistenni l-skavar fuq ix-xogħol taċ-ċimiterju kien sejjer jaqla' sejbiet ġodda.[7] Fil-fatt, ftit jiem biss wara l-iskavar inkixfu tliet/erbgħa bjar ta' importanza arkejoloġika. Is-Sovratendenza għal-Partimonju Malti intervjeniet fil-ħin immedjat biex din is-sejba tiġi protetta skond il-*Cultural Heritage Act*.[8] Il-parroċċa ikkoperat bis-sħiħ mal-Awtorità biex jiġi żgurat futur għal dawn il-bjar.[9] Tajjeb li nsemmu li dawn il-bjar issemmew sentejn ilu, fil-programm tal-festa ppublikat mis-Soċjetà L-Unjoni.



-bjar li jinstabu fis-sit arkeoloġiku fl-inħawi magħrufa f' Tal-Mejtin

r-rapport tal-Mużewijiet jgħid li nstabu ukoll ġarer li setgħu jiġu rrestawrati. Fl-eb
nument ma jidher li nstab xi għadam ta' nies umani.

Fi sforz ieħor biex tiġi żvelata l-istorja, il-Professur H. Godwin mill-Università t
Cambridge eżamina il-biċċiet tat-tafal misjuba waqt dawn l-iskavi. Fl-analiżi tiegħu ġe
dentifikati li fiż-żminijiet l-imgħoddija Malta kellha ftit ħxejjex u ftit siġar taż-żebbu
ekk dan hu minnu allura jkollna ngħidu li s-siġar li xi darba pajjiżna kien miksi b
Caktarx ġew użati mill-fażi ta' Borġ in-Nadur.

*L-artiklu miktub fil-programm tal-festa ppublikat mis-Soċjetà L-Unjoni 2007*

Jeżisti qbil bejn l-arkejoloġi, li dawn il-bjar imorru lura għal perjodu ta' żmien il-bronż, iġifieri 'il fuq minn elf sena qabel Kristu.[10] L-għan ta' dawn il-bjar kienu għal skopijiet ta' ħażna.

Tnejn minn dawn il-bjar arkejoloġiċi instabu permezz ta' toqba tonda fl-art. Iżda l-ikbar bir misjub, kien msaqqaf b'arkata fin-nofs. Preżentament, l-ħoġor fejn kienet isserraħ din l-arkata għadhom

jidhru. Oriġinarjament, dawn kienu żewġt ibjar separati li eventwalment tnifdu biex jiġu bir wieħed. Kif jistqarr Evans, wara l-ġew skavati uħud minn dawn il-bjar bdew jiġu wżati bħala bjar għall-ħażna tal-ilma.[11]


*Is-sejba tal-erbgħa t'ibjar misjuba fl-estensjoni taċ-ċimiterju*

Bir ieħor li ntillef parzjalement, kien waqt l-bidu tax-xogħol ta' tqattiħ fiċ-ċimiterju is-sena l-oħra. Peress li dan il-bir inzerta ġie eżatt taħt il-pedament tal-ħajt taċ-ċimiterju, il-bokka tiegħu ma ġietx identifikata mal-ewwel. Din ġiet identifikata hekk kif beda xogħol ta' tqattiegħ u għalhekk spiċċa parzjalment inqered.[12]

Dan il-bir kien instab diġa mill-ħaddiema li ħadmu fuq l-estensjoni taċ-ċimiterju l-antik li bdiet is-seklu l-ieħor, lejn nofs it-tletinijet taħt il-parrokat ta' Dun Salv Pavia. Ix-xogħol tlesta taħt il-kappillan Dun Ġużepp Debono.[13] Aktarx dan kien skavat mill-materjal li kellu fih. Iżda minħabba li ried jinbena l-pedament tal-ħajt taċ-ċimiterju, il-bir reġa' ġie mimli bit-turbazz *(taħlita ta' ħamrija u ġebel)*. Preżentament, nistgħu naraw biss *cross section* ta' dan il-bir minħabba li ġie mqatta' min-nofs.[14] Min jaf kemm bħal dawn il-bjar intilfu meta kien qeda ssir l-estensjoni taċ-ċimiterju żmien ilu?!

Ir-rappurtar tas-sejba qanqal interess partikolari fil-ġurnali lokali. F'Ġunju 2008 dehret ittra miktuba fuq il-*Maltatoday* fejn ġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet fuq din is-sejba. Appelat biex il-bjar ikunu salvati. Xahar wara l-Alternattiva Demokratika ħarġet stqarrija, bl-appell ewlieni ikunu dak li jiġi żgurat il-protezzjoni ta' dawn il-bjar.[15] Wieħed seta' jifhem iktar ir-relevanza ta' din is-sejba. Fil-fatt il-parroċċa għamlet l-arranġamenti meħtieġa sabiex dawn il-bjar ma jiġux meqruda u jkunu parti intergrali mill-estensjoni taċ-ċimiterju kif filfatt ġie deċiż iktar tard.[16]


*Bir li sfortuntament ġie parzjalment distrutt waqt ix-xogħlijiet ta' skavar*


THE MALTA INDEPENDENT ON SUNDAY NEWS 3

# Luqa cemetery expansion finds Bronze Age remains

FRANCESCA VELLA

*Wieħed mill-artikli li deher fuq il-gazzetta*

Il-profil ta' dan is-sit imur lura lejn Settembru tal-1956 meta C. Scicluna għamel rapport lid-Dipartiment tal-Mużewijiet, li fl-għalqa tiegħu kien qiegħed isib preżenza qawwija ta' għadam.[17] Fl-investigazzjonijiet li saru f'dawn l-akkwati instabu madwar sbatax-il bir arkejoloġiku li l-fond tagħhom ivarja minn 2.75m sa 4m. Ġie inutatt li dawk ta' qrib it-triq huma inqas fondi

mill-oħrajn.[18] Dawn il-bjar ġibdu interess qawwi minn professuri barranin ukoll.

Dr. David Trump beda l-iskavi fuq dawn il-bjar filwaqt li l-Professur H Godwin mill-Università ta' Cambridge, annalizza l-*pollin* fuq tafal li nstab ġewwa fihom.[19] Permezz tax-xjenza, il-materjal misjub żvela diversi affarijiet ta' interess fejn fost l-oħrajn, ġew żvelati dettalji fuq l-ambjent rurali u l-ekonomija agrarja ta' żminijiet tal-bronż. L-analiżi ssemmi li dak iż-żmien pajjiżna kellu ftit siġar taż-żebbuġ u ftit ħxejjex.[20]




*Pjanta ta' wieħed mill-bjar misjuba fix-xogħlijiet*



*Tnejn mill-bjar misjuba fiċ-ċimiterju parrokajli*

Fl-iskavi li saru fuq uħud mill-bjar fis-sittinijiet, instabu ġarar tal-fuħħar. Matul l-iskavi instabu ukoll traċċi evidenti ta' skart li jmur lura għal żmien Rumani. Fl-ebda bir ma nstab xi traċi ta' nies mejta, iżda nstabu numru ta' għadam tal- majjali.[21]

Sejbiet bħal dawn huma ġojjel prezzjużi fix-xibka storika ta' pajjiżna. Il-kuntest li nstabu dawn il-bjar ftit li xejn jagħtuk impressjoni ta' xi interess, iżda meta tara dawn il-bjar fil-perspettiva storika għanda għaliex napprezzaw din is-sejba li taf l-oriġini tagħha eluf ta' snin ilu. Ta' punt pożittiv, huwa l-kooperazzjoni tal-parroċċa biex jiġu salvati dawn l-bjar, għaliex b'dak li ġie salvat ser niżguraw futur sabiħ għal dan il- wirt storiku għall- ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Referenzi


1 Late Roman & Byzantine Catacombs & Related Burial places in the Maltese Island, Mario Buhagiar, p 2 -3
2 Prehistoric Antiques of the Maltese Islands , Evans, Figures, p 20
3 Late Roman & Byzantine Catacombs & Related Burial places in the Maltese Island, Mario Buhagiar, p 257 -260 Prehistoric Antiques of the Maltese Islands, Evans, p 24
4 l-Orizzont, http://www.l-orizzont.com/news.asp?newsitemid=51654
5 Djarju personali tal-awtur, 2008
6 Reporting on Archaelogical Monitoring, Kim Muscat
7 Ibid.,
8 Ibid.,
9 The Malta Independent 30th August 2008, p 3
10 Reporting on Archaeological Monitoring, Kim Muscat
11 Prehistoric Antiques of the Maltese Islands, Evans, p 24
12 Ibid.,
13 Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha, Dun Ġużepp Micallef, p284
14 13 ta' Mejju 2009
15 Ibid.,
16 Ibid.,
17 Prehistoric Antiques of the Maltese Islands , p 24
18 Ibid., p 24
19 Ibid., p 24
20 Ibid., p 24
21 Ibid., p 24